**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN**

**22 ta' APRIL 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Joseph Caruana.

**SKUŻAT**

Il-membru Annetto Bugeja avża li ma setgħax jattendi minħabba xogħol.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ppresjediet il-laqgħa minħabba li ċ-Chairperson Pierre Farrugia kien qed jagħmel promozzjoni fuq il-media għall-attivita' li ser issir nhar is-Sibt 27 ta' April.

**36.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

36.1.1 Fir-rigward ta' punt 35.1.5 il-membru Joseph D'Amato qal li l-ħajt li kellu jittella' fi Triq Marija Farrug għadu ma sarx u hemm bżonn li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat lill-Perit Galea biex jinfurmha.

36.1.2 Fir-rigward ta' punt 35.2.1 il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li fi Triq San Martin k/m Vjal l-Indipendenza jsiru double yellow lines tul ta' żewġ vetturi minflok il-parking bays li għamlet it-TM ftit ġranet wara li ġie diskuss dan il-punt fl-aġenda. Dan minħabba li l-Arriva qed issib diffikulta biex tidħol għal Triq San Martin.

Kien hemm qbil li jsiru wara li jintalbu l-permessi meħtieġa u li jsir double yellow line fil-kantuniera tal-binja li qed tinbena fi Triq San Martin.

F'dan il-ħin daħal iċ-Chairperson Pierre Farrugia li kompla jippresedi s-seduta hu. (6.30pm)

36.1.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward tal-bus stop li kien fi Triq San Martin fejn inbena l-bini l-ġdid, tkellem mat-TM u l-Arriva u qablu li tali bus stop jispostja ruħu għal Vjal l-Indipendenza fil-kantuniera ta' Triq San Martin.

36.1.4 Il-Minuti tas-seduta numru 35 ġew approvati.

### *36.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

36.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-membru Annetto Bugeja talab lill-Kumitat Amministrattiv biex isir patching fi Triq G M Callus.

Kien hemm qbil fuq dan.

36.2.2 Kien hemm qbil li terġa ssir it-tabella biex ma jintremiex skart f'Misraħ Santa Marija (fejn Nassaba Bar). Kien hemm qbil fuq dan.

### *36.3 Festa Raħħala Żrieraq (rappreżentanti mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria ser ikunu preżenti)*

36.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia laqa' lill-President u lis-Segretarju tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria u lill-membri tal-Kummissjoni għall-attivitajiet fi ħdan l-istess għaqda.

Iċ-Chairperson qal li l-attivita' li ser issir nhar is-Sibt 27 ta' April, 2013 ser issir taħt l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013 (Memo 38/2012) fejn il-Kumitat Amministrattiv ingħata l-ammont ta' €2,000. Iċ-Chairperson żied jgħid li l-Kumitat Amministrattiv alloka €1,000 għal din l-attivita' bħal ma alloka għal attivitajiet preċedenti. Hu żied jgħid li dawn l-attivitajiet huma milqgħuha ħafna fl-irħula u hi ħaġa tajba li jibqgħu jsiru dawn it-tip ta' attivitajiet li jkunu barra l-festi tar-raħal.

Dawk preżenti ddiskutew l-attivita' li ser issir, li ser

tinkludi mużika, żfin, teatrin u ikel tradizzjonali Malti.

### *36.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

36.4.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Seduta ġiet fi tmiema b'dan il-punt fis-7.30 ta' filgħaxija sabiex ġie milqugħ is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Jose Herrera għall-konferenza stampa fuq l-attivita' Raħħala Żrieraq.

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**